MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1789/1999/1

**Maltacom p.l.c**
**Vs**
**Mario Fiorino**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: Illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti, u l-ftehi ta' kera u servizz ta' telefon bejn l-konvenut Mario Fiorino u t-Telemalta Corporation (ara Dokument A), il-konvenut huwa debitur versu s-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' elf mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm 1110.81) dovuta in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 377879.

Illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez in konnessjoni mal-kera ghas-servizz ta' telfon u sejhiet maghmula bit-telefon;

Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jghati ghat-talba attrici;

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti mghandiex;

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikoli 167 et sequentia tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur versu s-socjeta attrici fis-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm 1110.81); u

3. Tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm 1110.81) rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 377879 ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' April 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Gunju 1996, data tal-ahhar kont, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------